# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti ta' l-Erbgħin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 6 t'Awissu 2014 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.15pm)*

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |

## *1. Talba.*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## *2. Approvazzjoni tal-Minuti tad-Disgħa w Tletin Laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 23 ta' Lulju 2014*

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq il-minuti msemmija s-Sur Noel Scerri issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *3. Komunikat mis-Sindku*

3.1 Ma kien hemm l'ebda komunikazzjoni mis- Sindku.

## 4. ***Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mill-24 ta' Lulju sas-6 ta' Awissu 2014***

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-risposta li rċieva mingħand Transport Malta rigward ir-residential parking scheme fejn il-Kunsill ġie nfurmat li billi l-Gvern ser iniedi politika ġdida dwar il-parkeġġ fil-Lokalitajiet fil-ġimgħat li ġejjin l-permess ta' Residential Parking li ġie mogħti lill-Kunsill minn Transport Malta ma jistax jiġi effettiv. Għaldaqstant is-Sindku talab li tintbagħat ittra lir-residenti tal-Lokal biex jiġu nfurmati li Transport Malta ssospendiet il-permess ta' parkeġġ residenzjali billi l-Gvern ser iniedi politika ġdida dwar il-parkeġġ fil-Lokalitajiet. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill rigward tal-Kawża li l-Kunsill rebaħ kontra id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u li skont id-digried tal-Qorti dawn ta' l-aħħar kellhom jgħaddu s-somma ta' sittin elf ewro (€60000) li sallum għadhom ma ġewx iddepositati. l-Kunsill għandu jagħti aktar ċans qabel ma jibagħat il-mandat kontra l-istess Dipartiment. Wara diskussjoni li saret is-Sur Noel Scerri ppropona li l-Kunsill jordna lill-Avukat biex jipproċedi bil-mandat minnufih. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.3 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsilliera preżenti Memo 21/2014 fejn jekk jeħtieġu xi dokumenti għandhom jinfurmaw lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill u dawn jiġu printjati kif kien u għadu jsir sallum allavolja l-maġġor parti ta' dawn id-dokumenti qed jiġu mgħoddija lil kull Kunsillier permezz ta' l-email. Din hija proċedura li l-Kunsill ilhu jadotta skont linja ta' gwida mid-Dipartiment permezz ta' din il-Memo id-Dipartiment qed jagħti gwida formali.

4.4 Wara li ħadd mill-Kunsilliera ppreżenti ma kellhu aktar kummenti fuq il-lista ta' korrispondenza is- Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li tiġi kkunsidrata "bħala moqrija". Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 5. ***Schedule of Payments 08/2014***

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il- kontijiet. s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet kif ippreżentati. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## 6. ***Purchase Order 3838 - 3858***

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 3838 sa 3858 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Anthony Buhagiar ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. ***Purchase Request 2824 – 2844***

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 2824 sa 2844 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. ***Trasferiment ta' l-arloġġ tad-dawl mill-Ġnien 6 t'Awissu għal Triq Balbi***

8.1 Is-Sindku talab sabiex l-arloġġ tad-dawl li jinsab fil-Ġnien 6 t'Awissu jiġi trasferit fi Triq Balbi u dan sabiex kemm id-dawl tal-Ġnien kif ukoll id-dawl li ser jinxtegħel fuq il-bankina ta' Triq Balbi ikun fuq main wieħed . Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

8.2 Is-Sindku talab ukoll li il-Kunsill ma jbiegħx l-elettriku ġġenerat permezz tal-pannelli lill-Gvern, iżda dan għandu jinqata' mill-kont tad-dawl u l-ilma tal-Binja tal-Kunsill. Is-Sur Noel Serri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 9. ***Egħluq ta' Triq Balbi fil-ħinijiet ta' l-Iskola***

Is-Sur Dominic Spencer daħal fis-sala fil-ħamsa w nofs u ħamsa ta' filgħaxija (5.35pm)

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li s-Surmast il-ġdid ta' l-Iskola Primarja tal-Marsa huwa lest jekk il-Kunsill jaqbel li jieħu ħsieb l-egħluq ta' Triq Balbi waqt il-ħinijiet ta' l-iskola permezz ta' bollards li l-Kunsill jista' jinstalla. Barra minhekk is-Sindku ppropona . li jiġi ssuġġerit li s-Surmast ta' l-Iskola ta' Balbi juża l-aħħar gate biex it-tfal joħorġu minnha li tiġi kantuniera ma Triq l-Iskola kif ukoll li jsir no parking u yellow lines tul Triq l-Iskola kantuniera ma Triq Simpson dan sabiex ma jipparkjawx karozzi u jiħi evitat staġnar ta' traffiku waqt il-ħruġ ta' tfal mill-Kulleġġ Santu Wistin. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu

## *10. Diskussjoni mall-Kapijiet ta' l-Iskejjel.*

10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-Kunsill jagħmel laqgħa formali mat-tlett Kapijiet ta' l-Iskejjel li hawn fil-Marsa biex jiġu nfurmati bid-deċiżjoni tal-Kunsill u bit- tibdil li ser isir fl-immaniġġjar tat-traffiku. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

Is-Sur Joseph Grima ħareġ mis-sala fil-ħamsa u wieħed u ħamsin minuta ta' filgħaxija (5.51pm)

## *11. Servizz ta' Telefonija u Internet*

11.1 Is-Sindku ppreżenta żewġ kwotazzjonijiet rigward servizz ta' telefonija u Internet waħda mill-Kumpanija Go plc u oħra mill- Ozone Ltd. Wara diskussjoni fit-tul fuq dan is-suġġett fejn ġie ndikat li l-Kunsill ser jifranka ammont konsiderevoli ta' flus matul is-sentejn li ġejjin permezz ta' dan it-tibdil fix-xiri ta' servizz tat-telefonija u internet is-Sindku ppropona li l-aktar offerta vantaġġjuża u idejali bħala infrastruttura hija dik tal-Kumpanija Go. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *12. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera.*

12.1 Is-Sur Dominic Spencer informa lill-Kunsill li ser ikun hemm żewġ laqgħat waħda fid-19 ta' Awissu fin-nofs siegħa mas-Segretarja tal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali l-Onorevoli Owen Bonniċi u l-oħra fl-20 t'Awissu fl-Uffiċċju tal-Kunsill ma l-Għaqdiet tal-Lokal. Iż-żewġ laqgħat huma dwar l-Attivita' Kulturali li l-Kunsill ser itella' fix-xahar ta' Novembru.

12.2 Is-Sur Dominic Spencer informa lill-Kunsill li attenda għall- laqgħa li ġiet imħejjija mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofs inhar ta' Malta fejn huwa ppropona għan-nom tal-Kunsill li jiġu kkunsidrati favorevolment mill-Gvern Ċentrali tisbieħ u żvilupp fl-area tal-Korsa taż-żwiemel u dak tax-Xatt tal-Menqa.

12.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq għall- attenzjoni tal-Kunsill ilment dwar nuqqas ta' aċċessibilta' minn Triq il-Qaddiefa għal Triq Diċċembru 13 fejn jinsab l-istage u dan minħabba li qed tiġi ostakolata minn parkeġġ ta' karozzi . Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan in-nuqqas huwa riżultat mill-istess Transport Malta meta kienet qed tagħmel il-proġett ta' Triq Diċembru 13 u għaldaqstant għandha tinforma lill-Transport Malta li sallum għadha ma ħaditx azzjoni fuq talbiet li l-Kunsill tiġa għamel. Huwa ssuġġerixxa li temporanjament il-Kunsill għandu jagħmel double yellow line biex jitneħħa l-inkonvenjent li qed jiffaċċjaw dawn ir-residenti. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

12.4 Is-Sur Noel Scerri wera n-nuqqas ta' approvazzjoni, li l-Kunsill Lokali tal-Marsa ma ġiex ikkunsidrat mill-Ministeru ta' l-Ambjent għal proġett ta' tisbieħ permezz ta' tħawwil tas-siġar taż-żebbuġ u li ġew magħżula lokalitajiet tas-soltu. Huwa tenna jgħid li bħas-soltu l-Kunsill u l-Lokalita' tal-Marsa ma bbenefikaw minn xejn. Għal dan il-kumment is-Sindku qal li din is-sitwazzjoni mhux aċċettabbli minħabba li qed isiru proġetti f'kull Lokalita' u sallum l-aktar talbiet importanti li l-Kunsill iressaq lill-Gvern rigward żbroff ta' dranaġġ fi Triq Sajjieda, kif ukoll manutenzjoni u żvilupp fiż-żewġ vaski li jinsabu fil-Ġnien 6 t'Awissu il-Kunsill għadu ma ħa l'ebda risposta. Għal dan il-għan jekk fi żmien qasir ieħor il-Kunsill ma jieħu l'ebda tweġiba

dwar jekk hux ser isir dan l-investiment fil-Lokal tal-Marsa mill-Gvern Ċentrali sabiex jitneħħa dan l-inkonvenjent. li r-residenti tal-Marsa ilhom ibagħtu għal snin twal il-Kunsill ma jkollhux triq oħra ħlief li jieħu l-azzjonijiet kollha legali possibbli biex iħares l-interessi u s-saħħa tar-residenti tiegħu. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *13. Aġġornament tal-Laqgħa*

13.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 17 ta' Settembru fil-ħamsa w kwart ta' filgħaxija (5.15pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sebgħa ta' filgħaxija (7.00pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv